*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,645, 14 ta' Settembru, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 429 ta l-2010**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME***
**(KAP. 123)**
**Regoli ta l-2010 dwar l-Eżenzjoni fuq *Royalties* li Jirriżultaw minn Privattivi**

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(1)(v) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn il-regoli li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 dwar l-Eżenzjoni fuq *Royalties* li Jirriżultaw minn Privattivi. Titolu u bidu fis-seħħ

(2) Dawn ir-regoli japplikaw għal *royalties* u *income* ieħor ta' din ix-xorta li jirriżultaw fl-ewwel (1) ta' Jannar, 2010 jew wara minn privattivi kwalifikanti relattivi għal invenzjonijiet.

**2.** F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir.

"invenzjoni" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, u jinkludi wkoll kwalunkwe invenzjoni li hija klassifikata bħala tali fit-termini ta' xi linji gwida maħruġa mill-Korporazzjoni anki meta l-invenzjoni partikolari ma tkunx taqa' fit-termini tat-tifsira mogħtija lil dak it-terminu fl-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni; Kap. 417.

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta kif imwaqqfa skont it-termini tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta. Kap. 463.

"privattiva kwalifikanti" tfisser privattiva, li hija reġistrata jew f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor, li fir-rigward tagħha ir-riċerka, l-ippjanar, l-ipproċessar, l-esperimentar, l-ittestjar, il-ħolqien, l-iddisinjar, l-iżvilupp jew attività simili li twassal għall-invenzjoni rilevanti tkun saret f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor;

"*royalties* u *income* ieħor ta' din ix-xorta" jinkludi kull somma mħallsa għall-għoti ta' liċenzja biex jiġu eżerċitati drittijiet bis-saħħa ta' privattiva kwalifikanti.

**3.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(1)(v) tal-Att japplikaw meta persuna tikseb *royalties* jew *income* ieħor ta' din ix-xorta fl-ewwel ta' Jannar 2010 jew wara minn privattivi kwalifikanti, li huma taxxabbli skont il-paragrafu (a) jew (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att, u meta din il-persuna tagħmel talba skont id-dispożizzjonijiet tar-regola 4 u tagħmel dikjarazzjoni tal-*income* tagħha kollu mill-għejjun kollha fil-prospett magħmul skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa: Applikabilità. Kap. 372.

Iżda individwu ma jkunx intitolat li jkollu eżenzjoni mit-taxxa fuq xi ammont ta' *income* li jirriżulta lilu minn privattiva kwalifikanti kif imsemmi aktar 'il fuq, jekk dan l-individwu ma jkunx wettaq, jew hu waħdu jew hu flimkien ma' xi persuna jew persuni oħra, riċerka, ippjanar, ipproċessar, ittestjar, ħolqien, iddisinjar, żvilupp jew attività oħra simili li twassal għall-invenzjoni li hija s-suġġett tal-privattiva kwalifikanti:

Kap. 372.

Iżda wkoll jekk kumpannija turi dan l-*income* li jirriżulta minn privattiva kwalifikanti bħala parti mill-*income* tagħha li hu soġġett għat-taxxa fil-prospett magħmul skont l-artikolu 10 ta l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, dik il-kumpannija ma tkunx intitolata li tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(1)(v) għall-*income* li jirriżulta minn dik il-privattiva għal dik is-sena ta' stima u għal snin ta' stima sussegwenti.

Dokumenti li għandhom jingħataw lill-Kummissarju.

**4.** (1) Rigward kull privattiva kwalifikanti li fil-konfront ta' *income* li jirriżulta minnha tintalab l-eżenzjoni msemmija aktar 'il fuq, persuna għandha tagħti lill-Kummissarju kopja tad-deċiżjoni maħruġa mill-Korporazzjoni li tiddeskrivi l-invenzjoni partikolari, u tikkonferma li hi rċeviet għas-sodisfazzjon tagħha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha rigward il-privattiva partikolari u l-invenzjoni li tirreferi għaliha u li wara li hi għamlet dawk l-aċċertamenti li kkunsidrat neċessarji, hija tinsab soddisfatta li l-invenzjoni partikolari li għaliha tirreferi l-privattiva teżisti u ma tiksirx l-ebda oġġettiv ta' ordni pubbliku ta' Malta.

(2) Evidenza tad-deċiżjoni msemmija fis-subregola (1) għandha tingħata lill-Kummissarju flimkien mal-prospett tat-taxxa, b'dak il-mod li jista' jirrikjedi l-Kummissarju, għal kull sena ta' stima li fir-rigward tagħha tintalab l-eżenzjoni.

Deċiżjoni tal-Korporazzjoni.

**5.** Id-deċiżjoni msemmija fir-regola 4 għandha tinħareġ mill-Korporazzjoni wara li din tkun irċeviet applikazzjoni f'dan is-sens mill-proprjetarju tal-privattiva jew minn xi ħadd għan-nom tiegħu fit-termini tal-linji gwida maħruġa mill-Korporazzjoni, meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-applikazzjoni hija applikazzjoni magħmula b'*bona fide,* li l-privattiva u l-invenzjoni li tirreferi għaliha jkunu jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, u wara li tkun irċeviet dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha u li tkun għamlet dawk l-aċċertamenti li tkun ikkunsidrat neċessarji għal dan il-għan.